# Kunsill Lokali Gżira

27 ta' Lulju 2021

**Ref Nru. 35/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 35/2021 li saret t-Tlieta 27 ta' Lulju 2021

Il-Kunsill ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Disgħa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Jeremy Cardona, Alex Zammit, Shaun Farrugia u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Ma kien hemm ħadd skuzat

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 21 ta' Lulju 2021

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

35.1.1 Ma kienx hemm ittri ma apoloġiji

**35.5 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.4.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 27 ta' Lulju 2021 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

35.4.2 Paġna Nru.5 para 34.5.6 – Servizz ta Karozza. – Il-Kunsillier S.Farrugia talab emenda fejn xtaq izid li hu kien issuggerixxa li il-karozza ghandha tkun electric. Il-minuti gew emendati. Fuq dan l-argument is-Sindku qal li għal dan is-servizz għandu jintuza il-van tal kunsill.

35.4.3 Paġna Nru.4 para 34.4.6 – Gbir ta' l-Iskart – Il-Kunsillier S.Farrugia semmha li fl-aħħar laqgħa ġie deciz li jinbidel il-ħin tal-gbir imma ma tnizlietx minn meta sa jinbidel dan is-servizz. Il-Kunsill iddecida li dan is-servizz jinbeda minn nofs Settembru, fejn regaw specifikaw l-informazzjoni li għandha titnizzel fil-brochure.

35.4.4 Paġna Nru.4 para 31.2.7 – Public Convenience – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa għal aġġornament fejn il-Public Convenience. L-Agent Segretaru ezekuttiv infurmat lil Kunsill li għandu kemm tlesta ix-xogħol tal-bini. Hawn is-segretarja gie mitluba tipprezenta il-quotes tax-xogħolijiet, qabel jitkompla ix-xogħol. Il-Kunsillier S.Farrugia staqsa rigward il-prezz għoli ta l-skip li intiua. Hawn is-seġretarja ipprezentat l-invoice, fejn l-iskip intuza tliet darbiet fuq tliet tijiem.

35.4.5 Paġna Nru.7 para 34.7.2 – Laptop bil-Hsara – Il-Kunsilliera J.Borg stqarret li ma wegbitx l-email fuq il-laptop għaliex ma taqbilx. Is-Sindku rega spjeġa li biex il-laptop jintbgħat għat-tiswijja trid titħassar d-data kollha, apparti l-fatt li Cathleen tispicca ma jkolliex fuq xiex taħdem għaz-zmien indefinit. Għaldaqstant gie deciz li jinxtara wiehed ġdid u l-antik jitranġa u jinzamm f'kas ta' emergenza bħal din.

35.4.6 Paġna Nru.3 para 34.28 - Intervent ta' L-Istaff – Il-Kunsillier H.Cremona staqsa fuq feedback ta' l-istaff wara l-intervent fil-laqgħa li għaddiet. Is-Sindku qal li dak li kellhom jgħidu l-istaff qaluh waqt l-intervent.
bidel il-ħin tal-gbir għad-disgħa ta' filgħodu.

35.4.12 Il-kunsillier N.Cetchuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 34 jiġu approvati. Il-kunsillier H.Cremona ssekondaħ.

**35.5 Komunikazzjoni tas-Sindku**

35.5.1 Il-Problema tal-Housing Estate – Il-Sindku stqar li reġa daħal ilment fuq il-housing estate u il-bar li hemm qal ir-residenza. Kompla isemmli li din hija problema li ilha għaddejja, madanakollu u l-isforzi kontinwi tal-Kunsill din qatt ma trangat. Il-Kunsilliera kollha qablu li l-akbar inkonvenjent huwa l-istorbju ta bil-lejl fost l-oħrajn. Biss jibqa il-fatt li dan il-bar ilu żmien inħariglu permess biex jopera.

35.5.2 One-Way Ponsomby/Stuart – Is-Sindku issuġġerixxa li ħabba traffic, double parking u raġunijiet oħra, li Ponsomby tigi one way il fuq u Stuart tġi one way l'isfel. Il-Kunsilliera kollha qablu, għaldaqstant ser jittieħdu il-passi meħtieġa għal din il-bidla.

35.5.3 Konfernza għal-Ottubru – Is-Sindku ikkomunika lil Kunsill li waqt il-leġislatura preċedenti il-Kunsill kien qabel li jorganizza konferenza b'fondi ta' l-EU li ġew mogħtija lil kunsill għal dan il-għan. Din il-koferenza ser titratt l-ambjent, fejn is-sindku ser jistieden Sindku minn barra minn Malta sabiex jispjega x'inhu jagħmel hu għal-ambjent fil-lokalita tiegħu. Għal din il-konferenza ser tigi mistiedna delegazjoni ta' 30 persuna. Għal din il-konferenza gew miġbura erbgħa quote, għalkem id-decizjoni għadha ma ittihdietx minħabba li hemm pjanata visit tal-lukandi għal aħħar ta' Awwissu.

35.5.4 Gemellagg Enna – Is-Sindku semma' li l-Kunsill gie avvicinat minn persuna sabiex isir gemellag ma' Enna fi Sqallija. Il-ħsieb huwa li jiġi organizzati attivitajiet (2022) bil-partecipazzjoni ta' ghaqdiet minn Enna. Il-fondi għal dan il-proġett gejjin kollha mill-EU. Il-Kunsilliera laqaw din l-inizjattiva u qablu sabiex issir.

35.5.5 Kotba għal iskola Primarja – Il-Kunsill gie mitlub sabiex jiffinanzja kotba tal-malti għal istudenti tal-primarja. Dan bil għan li tissaħħa il-lingwa maltija fost l-istudenti barranin. Dan il-kotba ser jibqaw propjeta ta' l-iskola. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva, pero xtaq li titwahhal sticker li tindika li l-kotba gew mogħtija mil-kunsill.

35.5.6 Permess temporanju għal-imwejjed – Il-Kunsill ircieva talba għal permess temporanju ta' zewġ imwejjed għal stabiliment fi triq x-Xatt. Din it-talba saret bl'incentiva maħruġa mil-Awtorita tat-Turizmu bħala incentiva għal pandemija u il-mizuri imposti. Il-Kunsill qabel li jagħti l-approvazzjoni għal permess temporanju.

35.5.7 Muzika x-Xatt – Il-Vici Sindku semmha li fejn minħabba il-pandemija il-karaoke x-xatt gie imwaqqaf, tista tithalla il-muzika għaddejja sabiex tinħoloq l-atmosfera. Il-Kunsill qabel dment li ma jinġamawx nies.

35.5.8 Duck Village – Is-Sindku irrefera għall-ilmment li sar fuq it-telqa li hemm ġewwa d-Duck Village u ikkonferma li l kunsill qatt kien involut sabiex imexxi jew jieħu ħsieb dan il-villagg. Il-Kunsill qabel li l-Annimal Welfare għandhom jieħdu fil-kustodja tagħhom l-annimali li hemm u il-villagge jizzarma.

**35.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

35.6.1 Pompa ta' Petrol – Il-Kunsillier H.Cremona staqsa għal aġġornament fuq il-pompa tal-petrol. Is-Sindku qal li r-ritrattazzjoni li għamel il-Kunsill intilfet, madanakollu għad baqalu kawza fuq administrative law li għadha qed tinstemgħa.

35.6.2 Dawl tal-Gnien – Il-Vici Sindku semmgħa li hemm parti tal-gnien li qeda fid-dlam. Il-Kunsill kien diga infurmat b'din is-sitwazzjoni, tant li għandhom isiru flood lights sabiex tissolva din il-problema.

**35.7 Rapporti**

35.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti

**35.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

35.8.1 Vaski ta l-ilma – Il-Vici Sindku ippropona vaski ta l-ilma fix-xatt tal-Gzira. Is-suggeriment intlaqat, biss il-kunsill irid jara minn fejn jista jġib l-ilma.

35.8.2 Il-Problema tal-ħamiem – Is-Sindku semmgħa li il-kunsill qed imexxi għal Pigeon Culling. It-talba saret u ingħataw l-informazzjoni kollha meħtiga. Il-Kunsil qieghed jistenna risposta.

35.8.3 Il-Fustun tax-Xatt - Il-Fustun tax-Xatt mhux qiegħed jixgħel, għal daqstant irid jitranga.

35.8.4 Unloading/Loading – Il-Kunsill wera' it-tħassib tieghu fuq unloading/loading bays li jistaw ikun jew bla permess jew il-kunsill ma ġiex infurmat. Uħud minnhom għandhom ħinijiet sa fil-ghaxija. Dawn il-kunsill iridu jieħu il-passi meħtieġa.

**35.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

35.9.1 Il-kunsillier H.Cremona staqsa sabiex il-kunsill ikun jaf kemm hemm signs li huma inkluzi fil-pagamenti. Il-Vici sindku staqsa kif qed nixtru minn ghand

dan is-supplier, fejn is-segretarja irrispondiet li qedin jintalbu il-quote skond il-procedura.

35.9.2 Il-kunsilliera H.Cremona staqsa dwar il-pagament tal-PKF. Is-Sindku qal li l-accounting firm tibghat invoice kull tliet xhur, biss is-segretarja sostniet li il-PKF kellhom xi invoice b'lura u b'hekk kien hemm zewg invoices, xaghrejn wara xulxin.

35.9.5 Il-Kunsillier N.Cethcuti ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekonda.

**35.9 Mozzjonijiet**

35.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**35.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 8.25pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-it-Tlieta 31 ta' Awwissu fil-5pm.

Konfermati, illum 31 ta' Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |